# San Pier Tumas



Għax qed tibża' Pietru? L-Ordni Karmelitan jibqa' sa l-aħħar tad-dinja". Hekk qalet il-Madonna lil San Pier Tumas. Dan il-qaddis Karmelitan kien imħasseb meta kien jara l-Ordni tal-Madonna mġarrab minn kullimkien. Beża' li ser jinqered u l-Madonna żguratu li tieqaf dejjem ma' l-Ordni tagħha li tant iħobbha.

San Pier Tumas kemm-il darba kellu dehriet minn għand il-Madonna. Bħal iben lil Ommu kien dejjem jitlobha u jsejħilha u l-Madonna qatt ma naqsitu. Fost il-ħafna vjaġġi tiegħu, darba wasal il-kunvent fejn il-Patrijiet kienu jgħixu f'faqar kbir u bilkemm isibu x'jieklu. Qalbu ngħafset għat-tbatijiet u l-għaks ta' dawk il-Patrijiet u talab bil-qalb lill-Madonna... Dehritlu waqt li kien iqaddes, kellmitu u żguratu. Kif spiċċa l-quddiesa daħal fil-knisja negozjant, ħallielu f'idejh somma ġmielha ta' flus u telaq.

San Pier Tumas twieled fi Franza minn ġenituri fqar. Kellu moħħu tajjeb u jħobb jistudja. Għamel ħabib mal-Karmelitani li kienu jqabbduh igħallem fl-iskejjel tagħhom biex jaqla' xi ħaġa. Inġibed lejhom u meta talabhom biex jidħol magħhom laqgħuh bil-pjaċir. Kompla jistudja, sa mar f'Pariġi u ħa l-lawrja fit-teoloġija. Kiteb erba' kotba fuq it-tnissil bla tebgħa tal-Madonna. Imma jaħasra ntilfu. Ma nafux x'sar minnhom. Fis-sena 1345 ġie magħżul bħala Prokuratur Ġenerali ta' l-Ordni biex jirrappreżenta l-Ordni fil-qorti tal-Papa li dak iż-żmien kienet f'Avignone.

Kulħadd kien jirrispettah għall-għerf u d-dehen tiegħu, imma l-bixra tiegħu xejn ma kienet taqilgħu. Tant hu hekk li ġieli l-Ġeneral ta' l-Ordni kien jistħi jintroduċih lill-Kardinali. B'dan kollu l-għerf u tjubija ma tantx tista' taħbihom. In-nies jafu jiżnu u jaraw. Il-Papa Innoċenz VI għażel lil San Pier Tumas biex jindaħal bejn ir-Repubblika ta' Venezja u ta' Ġenova u jaqta' t-tilwima bejniethom billi jerġa' jagħmilhom ħbieb. L-istess ġagħlu jibqa' sejjer għand ir-Re ta' Napli, Luigi ta' Taranto biex jirranġa xi tilwim li kien inqala bejnu u bejn is-Santa Sede.

Kollox mar tajjeb u rnexxa, għalhekk il-Papa ħatru Isqof ta' Lipari. Imma ma damx kwiet għax il-Papa reġa' bagħtu għand l-imperatur Karlu VI, u wettaq ħafna ħidmiet oħra ta' ġid għall-knisja ta' Kristu. Dak li jgħaġġbek f'San Pier Tumas, hu li allavolja b'dawn il-ħidmiet kollha ta' importanza u ta' ġieh, baqa' bniedem sempliċi u ta' talb.

www.fleurdelysparish.com

Meta jiltaqa' ma' xi tfixkil, arah jinżel jitlob. Jafda mhux fil-ħila tiegħu imma fl-għajnuna tas-sema. Dejjem f'isem il-Papa ġera ħafna pajjiżi, Ungerija, Serbja, Kostantinopli u oħrajn, u ma tistax tgħid kemm ħadem biex l-insara jerġgħu jeħilsu l-Art Imqaddsa minn taħt idejn is-Seraċini u li kieku obdewh forsi kien jirnexxilhom.

Bis-salib f'idejh, kien iħeġġeġ is-suldati biex jitqabdu għall-Art Imqaddsa. Kien minn tal-ewwel li daħal fil-port ta' Lixandra, imma għal ftit żmien. Is-suldati nsara, għajjenin, beżgħu u malajr telqu dik il-belt bi qsim kbir tal-qalb ta' San Pier Tumas, li ftit qabel ġie maħtur Patrijarka ta' Konstantinopli. Kellhom kważi bħal jaħarbu bil-baħar u marru jistkennu f'Ċipru, sakemm jerġgħu jieħdu ftit tar-ruħ. Meta kienu waslu biex jerġgħu lura lejn pajjiżhom San Pier Tumas li x'uħud igħidu li kien tilef ħafna demm b'ġerħa li ġarrab f'attakk ta' Lixandra, marad bid-deni.

Fi żmien qasir sar għadma u ġilda. Baqa' dejjem rassenjat, bi tbissima fuq fommu. Ta kull ma kellu lill-fqar, u fit-28 ta' Diċembru 1368, mar għall-premju ta' dejjem. Ċipru kollu beka t-telfa tiegħu, ħbieb u għedewwa, Nsara u Ortodossi bdew isejħulu qaddis, tant li sentejn wara talbu lill-Papa Urbanu V biex jiddikjarawh qaddis. Qabel ma miet kien wera x-xewqa li jindifen fil-Kunvent ta'

ħutu l-Karmelitani f'Bergerac (Franza), imma fl-istess ħin talab biex ma jsirulu ebda unuri, anzi xtaq li ġismu jkun imkasbar minn nies u mill.klieb. U hekk kien sar għax il-Patrijarka ta' Ġerusalemm ma laqax il-permess biex jiħduh fi Franza u ftit wara daħlu t-Torok f'Ċipru u għamlu ħerba minn kull ħaġa qaddisa li sabu. Meta l-arkeologu C. Enbert fl-l908 mar jara jsibx xi fdalijiet fil-kunvent tal-Karmelitani f'Taragusta, ma sabx ħlief ħerba sħiħa. B'dan kollu fi Franza San Pier Tumas kien meqjus għal ħafna żmien bħala qaddis kbir, protettur b'mod speċjali kontra d-deni u l-pesta. L-isbaħ tifkira li ħallielna dan il-qaddis hi li anke fost l-ikbar unuri xogħol u ħidma, tista' tibqa' magħqud m'Alla, jekk wieħed jagħraf li kulma għandu gej minn Alla, u li kbar kemm aħna kbar, quddiem Alla, aħna dejjem nibqgħu żgħar.

Fil-knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina hemm pittura sabiħa ta' San Pier Tumas, magħmula mill-magħruf Gużeppi Cali'. Ħdejh għandu ċirku b'għamla ta' serp b'denbu f'ħalqu biex ifisser it-tħabbira tal-Madonna li l-Ordni Karmelitan bħaċ-ċirku ma' għandux tmiem. Il-Festa ta' San Pier Tumas issir nhar it-8 ta' Jannar.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on f

***fleurdelysmalta.parish***

*Ritratt: Pittura ta' San Pier Tumas, xogħol ta' Joseph Cauchi fuq bandalora li tkun armata fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-Lys.*